



Brussell, 24 ta' Marzu 2022
(OR. fr)

7570/22

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0083(NLE)
2018/0084(NLE)

VISA 54
COLAC 16

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji – Adozzjoni

1. Fis-16 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati sabiex jiġu emendati l-ftehimiet tal-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir konklużi bejn l-Unjoni/il-Komunità Ewropea u Antigua u Barbuda, il-Commonwealth tal-Bahamas, Barbados, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika ta' Mauritius, il-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis u r-Repubblika tas-Seychelles¹.
2. Fid-9 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill adotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim li jemenda ż-żewġ ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji.
3. Fil-31 ta' Ottubru 2017, l-abbozz ta' Ftehim ġie inizjalat mill-Kummissjoni u l-Brażil.

¹ COM(2014) 468 final.

4. Fil-11 ta' April 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji², flimkien ma' abbozz ta' test tal-ftehim imsemmi fl-anness għal dik il-proposta³, u Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-istess Ftehim⁴.
5. Fis-26 ta' Novembru 2018, id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar⁵ ġiet adottata mill-Kunsill. It-test tal-ftehim kien jinkludi paragrafu li jgħid li r-Renju Unit mhux qed jieħu sehem fid-deċiżjoni.
6. Fl-1 ta' Frar 2020 ir-Renju Unit ma baqax Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u l-perijodu ta' tranżizzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020.
7. Wara posponiment inizjali, il-Ftehim ġie ffirmat fisem l-Unjoni u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil fis-27 ta' Settembru 2021. Fl-istess jum, l-Unjoni nnotifikat lill-Brażil, permezz ta' Note Verbale, li r-Renju Unit, bħala konsegwenza tal-avvenimenti msemmija fil-paragrafu 4 ta' din in-nota, mhuwiex ittrattat bħala Stat Membru tal-Unjoni għall-finijiet tal-Ftehim u għalhekk mhuwiex kopert u marbut bih.
8. Id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002; għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni tagħhom u mhijiex marbuta bihom jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħhom.
9. F'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill għandu jadotta d-Deċiżjoni li tikkonkludi l-Ftehim wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

² 7922/18.

³ 7922/18 ADD 1.

⁴ 7923/18.

⁵ 13447/18.

10. Fid-9 ta' Novembru 2021, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif ukoll it-test tal-Ftehim lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
11. Fl-24 ta' Marzu 2022, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim⁶ u ta struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Brażil.
12. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill:
 - a) jadotta, bħala punt "A" tal-aġenda ta' waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif tinsab fid-dokument 13448/1/18 REV 1;
 - b) jiddeċiedi li t-test tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq u t-test tal-Ftehim jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, serje "L", f'konformità mal-Artikolu 17(1)(d) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

Il-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.

⁶ P9_TA(2022)0096